

Brussell, 26 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7761/26

MI 298
IND 216
COMPET 381
ENV 290
TRANS 181
DELECT 58
ENT 60

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1808 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'23.3.2026 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-emissjonijiet għal vetturi prodotti f'serje illimitata u għal vetturi bi skop speċjali, il-parkeġġ valet awtomatizzat għal vetturi prodotti f'serje illimitata, ir-rekwiżiti tas-sikurezza elettrika u tat-twissija avanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq għal vetturi prodotti f'serje żgħira u għal vetturi bi skop speċjali u li jaġġorna l-lista ta' Regolamenti tan-NU alternattivi fil-Parti II ta' dak l-Anness

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1808 final.

Mehmuż: C(2026) 1808 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2026
C(2026) 1808 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.3.2026

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-emissjonijiet għal vetturi prodotti f'serje illimitata u għal vetturi bi skop speċjali, il-parkeġġ valet awtomatizzat għal vetturi prodotti f'serje illimitata, ir-rekwiżiti tas-sikurezza elettrika u tat-twissija avvanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq għal vetturi prodotti f'serje żgħira u għal vetturi bi skop speċjali u li jaġġorna l-lista ta' Regolamenti tan-NU alternattivi fil-Parti II ta' dak l-Anness

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 sabiex jitqiesu l-aħħar żviluppi tekniċi u regolatorji fil-livell tal-Unjoni u fil-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE).

F'dan ir-rigward, il-lista tar-rekwiżiti applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa għal vetturi prodotti f'serje illimitata kif stabbilit fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 hija kkomplementata biex tinkludi l-elementi li ġejjin:

- (1) Referenza għar-Regolament Euro 7 u l-atti regolatorji tal-ewwel fażi ta' implimentazzjoni tiegħu fir-rigward tal-vetturi ħfief u r-rekwiżiti stabbiliti fih.
- (2) Referenza għas-sistemi ta' parkeġġ valet awtomatizzat biex tippermetti l-possibbiltà li tingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE lil vetturi mgħammra b'tali sistemi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1426.
- (3) Referenza għas-sistemi ta' assistenza fil-kontroll għas-sewwieq biex tkun tista' ssir l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa tal-vetturi mgħammra b'tali sistemi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 171.

Dan ir-Regolament jipprovdi wkoll żmien addizzjonali għall-manifatturi ta' vetturi prodotti f'serje żgħira u vetturi bi skop speċjali biex jikkonformaw mar-rekwiżiti għas-sistemi ta' twissija avanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq (is-7 ta' Lulju 2026 għal tipi ġodda u s-7 ta' Lulju 2028 għal vetturi ġodda).

Barra minn hekk, hija pprovduta flessibbiltà addizzjonali għall-manifatturi ta' vetturi aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti billi jiġu rinunzjati ċerti testijiet skont ir-Regolament tan-NU Nru 100 dment li l-modifiki fl-istruttura tal-vettura ma jimmodifikawx is-sistema rikarikabbli ta' ħżin tal-enerġija elettrika.

Dan ir-Regolament jaġġorna wkoll it-tabella fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 li telenka r-Regolamenti tan-NU u l-verżjonijiet rispettivi tagħhom li huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Is-suġġetti koperti mir-Regolament Euro 7 u l-atti regolatorji tal-ewwel fażi ta' implimentazzjoni tiegħu fir-rigward tal-vetturi ħfief huma inklużi fil-Parti III tal-Anness II biex jippermettu l-possibbiltà li jiġu approvati vetturi bi skop speċjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fit-tħejjija ta' dan l-att, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri fil-laqgħat tal-Grupp ta' Hídma dwar il-Vetturi bil-Mutur li saru fil-5 ta' Diċembru 2024, fis-6 ta' Frar u fit-2 ta' Lulju 2025, fejn l-abbozz kien appoġġat b'mod ġenerali. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri approvaw l-abbozz tal-att matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri (MSEG, Member States Expert Group) li saret fit-12 ta' Janjar 2026.

F'konformità mar-regoli għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-att delegat ġie ppubblikat fuq il-portal "Semma' leħnek" għal perjodu ta' feedback ta' 4 ġimgħat bejn id-19 ta' Novembru 2025 u s-17 ta' Diċembru 2025. B'kollox, 10 partijiet ikkonċernati taw il-feedback tagħhom. Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-kummenti kollha li waslulha u ħadet nota tagħhom.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi legali ta' dan ir-Regolament hija l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 41(5) u l-Artikolu 57(2) tar-Regolament (UE) 2018/858.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.3.2026

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-emissjonijiet għal vetturi prodotti f'serje illimitata u għal vetturi bi skop speċjali, il-parkeġġ valet awtomatizzat għal vetturi prodotti f'serje illimitata, ir-rekwiżiti tas-sikurezza elettrika u tat-twissija avvanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq għal vetturi prodotti f'serje żgħira u għal vetturi bi skop speċjali u li jaġġorna l-lista ta' Regolamenti tan-NU alternattivi fil-Parti II ta' dak l-Anness

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 41(5) u l-Artikolu 57(2) tiegħu,

Billi:

- (1) It-tabella fl-Anness II, il-Parti I, tar-Regolament (UE) 2018/858 fiha l-lista ta' rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa tal-vetturi prodotti f'serje illimitata kif stabbilit fl-atti regolatorji korrispondenti msemmija fit-tabella. Sabiex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji, huwa meħtieġ li tidded referenza għar-regolamenti li għadhom kif ġew adottati li jstabbilixxu r-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' vetturi mgħammra b'sistemi ta' assistenza fil-kontroll għas-sewwieq u parkeġġ valet awtomatizzat kif ukoll għall-approvazzjoni ta' vetturi Euro 7.
- (2) B'mod partikolari, ir-Regolament tan-NU Nru 171² jistabbilixxi dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-sistemi ta' assistenza fil-kontroll għas-sewwieq. F'konformità mal-punt E10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, ir-rekwiżiti tekniċi tar-Regolament

¹ ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj>.

² Ir-Regolament tan-NU Nru 171 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-Sistemi ta' Assistenza fil-Kontroll għas-Sewwieq [2024/2689] ([ĠU L, 2024/2689, 4.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2689/oj](http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2689/oj)).

³ Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE)

tan-NU Nru 171 japplikaw fuq bażi volontarja (jekk mgħammra). Sabiex tkun tista' ssir l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa tal-vetturi prodotti f'serje illimitata mgħammra b'tali sistemi, huwa xieraq li daww is-sistemi jiġu inklużi fit-tabella fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858.

- (3) L-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1426⁴ fih ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur mgħammra b'parkeġġ valet awtomatizzat. Sabiex tkun tista' ssir l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa tal-vetturi prodotti f'serje illimitata mgħammra b'sistemi ta' parkeġġ valet awtomatizzat, jeħtieġ li daww is-sistemi jiġu inklużi fil-lista fit-tabella fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi Euro 7. Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706⁶ jistabbilixxi regoli, proċeduri u metodoloġiji tal-ittestjar fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi ta' vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁. Jeħtieġ li l-lista tal-atti regolatorji fit-tabella fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 tiġi kkomplementata biex tkopri wkoll ir-rekwiżiti rispettivi għall-vetturi Euro 7.
- (5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1707⁷ jistabbilixxi regoli dwar is-sistemi ta' monitoraġġ abbord, l-apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, il-passaport ambjentali tal-vetturi u l-wiri fil-vettura ta' data ambjentali u l-apparati ta' manipulazzjoni u l-istrateġiji ta' manipulazzjoni. Jeħtieġ li daww ir-rekwiżiti u r-referenza għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1707 jiġu inklużi fil-lista tal-atti regolatorji fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858.

Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj>).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1426 tal-5 ta' Awwissu 2022 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tas-sistema tas-sewqan awtomatizzat (ADS) ta' vetturi awtomatizzati kompletament (ĠU L 221, 26.8.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1426/oj).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj>).

⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli, proċeduri u metodoloġiji tal-ittestjar għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi ta' vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L, 2025/1706, 5.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1706/oj).

⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1707 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodi, ta' rekwiżiti u ta' testijiet speċifiċi, inklużi l-limiti tal-konformità, għall-apparati OBFCM u għas-sistemi OBM, il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u l-metodi ta' inċitament u l-metodi sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim tagħhom, il-format u d-data tal-EVP u l-metodi ta' komunikazzjoni tad-data tal-EVP tal-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M₁ u N₁ (ĠU L, 2025/1707, 5.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1707/oj).

- (6) L-entrati li huma introdotti fl-Anness II, il-Parti I tar-Regolament (UE) 2018/858 rigward il-prestazzjoni ambjentali u l-emissjonijiet japplikaw għal vetturi tal-kategorija M₁ u N₁ kif ukoll għal Euro 7ext, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2024/1257, b'referenza għall-kolonna li jistabbilixxu r-rekwiżiti għal tip ta' vettura tal-kategorija N₁.
- (7) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, is-suġġetti relatati ma' "Kejl tal-potenza tal-magna" u "Tħaddim ta' sistemi li jużaw reaġent konsumabbli u sistema għall-kontroll tat-tniġġis" jenħtieġ li jiġu inklużi fiż-żewġ taqsimiet tat-tabelli fl-Anness II, għal vetturi approvati taħt Euro 6 u għal vetturi Euro 7, rispettivament.
- (8) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2590⁸ jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' ċerti vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi tagħhom ta' twissija avanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq. Dawk ir-rekwiżiti japplikaw għal vetturi prodotti f'serje illimitata għal tipi ġodda mis-7 ta' Lulju 2024 u għal vetturi ġodda mis-7 ta' Lulju 2026. Sabiex il-manifatturi ta' vetturi prodotti f'serje żgħira u ta' vetturi bi skop speċjali jkunu jistgħu jimplimentaw ir-rekwiżiti l-ġodda, huwa meħtieġ li jingħataw żmien ta' thejjiġa ta' sentejn addizzjonali biex jadattaw il-proċess tal-produzzjoni tagħhom.
- (9) Is-serje ta' emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 100⁹ fiha rekwiżiti aktar stretti għas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika tal-vetturi, li japplikaw għal vetturi ġodda prodotti f'serje illimitata. Dawk ir-rekwiżiti japplikaw mill-1 ta' Settembru 2025. Sabiex il-manifatturi ta' vetturi prodotti f'serje żgħira ikunu jistgħu jaġġustaw il-produzzjoni tagħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti aktar stretti, jenħtieġ li jingħata biżżejjed żmien lil dawk il-manifatturi biex jimplimentaw ir-rekwiżiti. Barra minn hekk, minħabba li l-vetturi aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti huma prinċipalment prodotti minn manifatturi żgħira u ta' daqs medju, jenħtieġ li tiġi pprovduta flessibilità addizzjonali biex jitnaqqas il-piż fuq il-manifatturi li jipproduċu tali vetturi billi jiġu rinunzjati t-testijiet skont il-paragrafi 6.4 u 6.5 tar-Regolament tan-NU Nru 100, fejn il-modifika tal-istruttura tal-vettura ma timmodifikax is-sistema rikarikabbli ta' ħżin tal-enerġija elettrika.
- (10) It-tabella fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 telenka r-Regolamenti tan-NU u l-verżjonijiet rispettivi tagħhom li huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Jenħtieġ li dik it-tabella tiġi aġġornata biex jitqies l-iżvilupp regolatorju fil-livell tan-NU/KEE.
- (11) It-tabelli fl-Appendiċijiet 1 sa 6 fil-Parti III tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 fihom il-lista ta' rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' vetturi bi skop speċjali tal-kategoriji M₁ u N₁ u ta' vetturi Euro 7ext, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2024/1257, kif stabbilit fl-atti regolatorji korrispondenti msemmija fit-tabella. Jeħtieġ li l-lista tal-atti regolatorji f'dawk it-

⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2590 tat-13 ta' Lulju 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-proċeduri speċifiċi ta' ttestjar u r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' ċerti vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi tagħhom ta' twissija avanzata tad-distrazzjoni tas-sewwieq u li jemenda dak ir-Regolament (ĠU L 2023/2590, 22.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2590/oj).

⁹ Ir-Regolament Nru 100 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika [2024/1955] (ĠU L, 2024/1955, 26.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1955/oj>).

tabelli tiġi kkomplementata biex tkopri wkoll ir-rekwiżiti rispettivi għall-vetturi Euro 7 li għandhom jiġu approvati bħala vetturi bi skop speċjali.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/858 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, 23.3.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN